10.2.2015

B8-0122/2015 }
B8-0125/2015 }
B8-0126/2015 }
B8-0127/2015 }
B8-0132/2015 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao, Rolandas Paksas**
f'isem il-Grupp EFDD
**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, EFDD**
dwar miżuri kontra t-terroriżmu

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Da. billi strateġija komprensiva fit-tul fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha tinkludi miżuri li jsaħħu l-inklużjoni soċjali, il-kundanna u s-sanzjonar ta' kull kondotta li tinċita l-vjolenza jew il-mibgħeda; it-tfassil u l-implementazzjoni ta' miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikaliżmu, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija transkonfinali, u li jkun hemm definizzjoni legali uniformi tal-kunċett ta' 'tfassil ta' profil' ibbażata fuq id-drittijiet fundamentali rilevanti u tal-istandards tal-protezzjoni tad-data;*** |

Or. en

10.2.2015

B8-0122/2015 }
B8-0125/2015 }
B8-0126/2015 }
B8-0127/2015 }
B8-0132/2015 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao, Rolandas Paksas**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, EFDD**
dwar miżuri kontra t-terroriżmu

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jinnota bi tħassib l-użu dejjem akbar ta' teknoloġija tal-internet u tal-komunikazzjoni minn organizzazzjonijiet terroristiċi sabiex jikkomunikaw, jippjanaw attakki u jxerrdu l-propaganda; jitlob lill-kumpaniji tal-internet u tal-midja soċjali jaħdmu flimkien mal-gvernijijet u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mas-soċjetà ċivili sabiex jiġġieldu din il-problema, filwaqt li jiżguraw li l-prinċipji ġenerali tal-libertà tal-kelma u l-privatezza jiġu rispġettati f'kull mument; jenfasizza li miżuri li jillimitaw l-użu u t-tixrid tad-dejta fuq l-internet għall-finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu jridu jkunu neċessarji u proporzjonati; | 19. Jinnota bi tħassib l-użu dejjem akbar ta' teknoloġija tal-internet u tal-komunikazzjoni minn organizzazzjonijiet terroristiċi sabiex jikkomunikaw, jippjanaw attakki u jxerrdu l-propaganda; jitlob lill-kumpaniji tal-internet u tal-midja soċjali jaħdmu flimkien mal-gvernijijet u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mas-soċjetà ċivili sabiex jiġġieldu din il-problema, filwaqt li jiżguraw li l-prinċipji ġenerali tal-libertà tal-kelma u l-privatezza jiġu rispġettati f'kull mument; jenfasizza li miżuri li jillimitaw l-użu u t-tixrid tad-dejta fuq l-internet għall-finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu jridu jkunu neċessarji u proporzjonati; ***jenfasizza, barra minn hekk, li t-tneħħija tal-kontenut kriminali għandha titwettaq fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja u mhux permezz ta' kontroll privat min-naħa ta' fornituri tas-servizzi tal-internet;*** |

Or. en

10.2.2015

B8-0122/2015 }
B8-0125/2015 }
B8-0126/2015 }
B8-0127/2015 }
B8-0132/2015 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao, Rolandas Paksas**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, EFDD**
dwar miżuri kontra t-terroriżmu

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab tagħha jibbażaw l-istrateġija tagħhom għall-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali fuq l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza, barra minn hekk, li l-azzjonijiet esterni tal-Unjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali għandhom l-ewwel nett ikunu mmirati lejn il-prevenzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prosekuzzjoni tiegħu; | 28. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab tagħha jibbażaw l-istrateġija tagħhom għall-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali fuq l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali; ***Jitlob lill-Istati Membri ma jibqgħux issaħħu l-konflitti permezz tal-bejgħ ta' armi lill-partijiet kollha involuti;*** jenfasizza, barra minn hekk, li l-azzjonijiet esterni tal-Unjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali għandhom l-ewwel nett ikunu mmirati lejn il-prevenzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prosekuzzjoni tiegħu; |

Or. en